# 59. Eva

Għad-dell ta' siġra bit-tuffieħ mgħobbija,
imdawwar maz-zokk tond donnu kawwara,
kien qed jistenna 'l Eva ta' bla ħtija
biex jeħles ftit mis-semm ta' ġol-marrara;

U malli resqet b'xuxa xagħar miksija,
qallha bil-mod il-mod b'leħen ta' ħrara:
"Aqta' tuffieħa u kul mingħajr mistħija,
għax din is-siġra tal-allat dukkara."

U Eva daqet. U għall-ewwel darba
regħxet u stħat kif rat li hi għarwiena,
u siltet minn ġo qalbha l-ewwel karba.

Ja Eva, sakemm tibqa' ttul il-ġrajja,
u jibqgħu jgħixu fl-art is-Sriep tal-ħjiena,
daqshekk il-ġrajja tiegħek tibqa' ħajja!